A.L. 351 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Emenda Nru. 2 fil-Liġijiet tal-Pensjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Emenda Nru. 2 fil-Liġijiet tal-Pensjonijiet).

A.L. 211 ta' l-2004.

(2) Dan l-Ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Emenda fil-Liġijiet tal-Pensjonijiet), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

Emenda ta' l-artiklu 4 ta' l-Ordni prinċipali.

2. Fit-test Malti ta' l-artiklu 4 (2) ta' l-Ordni prinċipali, fl-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Ħabs, minflok il-kliem "l-artikolu 2" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 17".